MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2003

Avvi$Z Numru. 269/2003

**Paul Bugeja**

**vs**

**Reginald Grech u Mary Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef u tlett mitt Lira Maltin (LM3,300) rapprezentanti bilanc dovut fuq kuntratt ta’ self ta’ somma akbar, liema flus gew mislufa mill-attur lill-konvenuti skond skrittura privata (kopja Dok A);**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mis-16 ta' April ta' l-1999 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-18 ta' Gunju tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------